# X'HAWN FID-DINJA GHAJR IL-GHAWG, IL-GWAJ U D-DULUR?

Konna għadna ma ntbaħniex bina nfusna, li qegħdin ngħixu, meta l-għaj, il-mard u l-għaks ħarbtuna. Bi-swit il-benniena l-omm iljieli tgħaddi mqajma tibki l-ħasra ta' binha. Meta ġejna f'tagħna u kbirna, rajna kiesaħ, ċass, bla kliem u bla sliem dak li jum qabel kien magħna jidħak, ikellimna, jirrabjana, iżda jħobbna. Batejna min-ħabba l-mibegħda, l-għira u l-ħażen ta' ħaddieħor. Ma nafux x'ser jiġri minna għada: jekk ikun hemmx ħobż imqar għal uliedna . . . . issammar-na mad-dulur!

Mill-bidu ta' ġrajjietu l-bniedem dej-jem baqa' jagħmel mistoqsija waħda u qatt ma wasal jagħti tweġiba għa-liha: għaliex id-dulur? Gelgul ta' kit-ba ħareġ minn moħħ il-bniedem bit-tir li jagħti tifsir lil dan il-problema. Dejjem ħabrek biex jaħrab minn dan il-waħx. Ħafna mill-gwaj tal-ġisem il-lum naqas bis-saħħa tat-tabib: sibna ftit irkaptu ta' l-uġigħ; kħalhekk id-dulur naqas ftit jew wisq f'dak li jmiss il-ġisem. Iżda għalkemm naqas, id-du-lur kien u jibqa', u l-mistoqsija għa-liex id-dulur għadna ma weġibnihiex minkejja l-għerf tas-seklu għoxrin.

Il-Kitba Mqaddsa fl-ewwel ktieb "Il-Ġenesi" tgħarrafna fuq id-dulur li għandu jkun, u jdum sakemm idum il-bniedem fuq wiċċ l-art. Il-ktieb ta' Ġob jagħti ġrajja sħiħa ta' bniedem li d-demonju għamel ħerba minnu. Dan il-ktieb jaħbat biex jagħti tifsir lil dan il-problema. Il-qofol tat-tifsir ta' dan il-problema jinstab fit-turija tar-rieda tal-bniedem ma' dik ta' Alla. Il-ħsieb tal-kittieb hu li juri li fid-du-lur il-bniedem isib is-sliem, għax ħt-tbatija l-bniedem isir raġel u jista' jagħti l-akbar ġieħ lil Alla. Il-ktieb ta' Tobija jerġa' jtenni dan il-ħsieb, meta l-Anġlu Rafel qal lil Tobija: "Għax kont miġjub quddiem Alla, kien jeħtieġ li Alla jgħarblek." Il-kliem ta' l-Anġlu deher wisq tqil u iebes għall-bniedem biex jaqbel mie-għu, u tabilħaqq qatt ma seta' jifh-mu: kif, għax tħobb 'l Alla, Alla jsaw-tek, ikiddek, iġagħlek tbati? Dan sa-diżmu! Fuq hekk il-bniedem baqa' xorta waħda jgħarbel biex fl-aħħar iħoll dan il-problema.

Minn banda, il-bniedem id-dulur dejjem ħassu fih, għalhekk għalih id-dulur jeżisti daqskemm iħoss lilu nnif-su li hu u mhux ħaddieħor; min-naħa l-oħra qatt ma seta' jifhem il-għaliex dan għandu jkun. B'hekk nifhmu għa-liex il-bniedem għal xi żmien emmen li hemm Alla wkoll tal-qerda, Alla ta' qalbu ħażina. Il-Manikejiżmu hu ta-bilħaqq turija ta' dan. Iżda ma għand-niex għalfejn immorru 'l bogħod . . . il-ġrajja ta' San Pawl fostna hi xhie-da wkoll ta' dan.

Id-destin kien wisq aħrax ma' dan l-Appostlu. Wara li ħarbtu u qeridlu saħħtu, dan Alla kiefer tefgħu l-art biex joqtlu, wara li jkun xlieħ u stmel-lu mal-Maltin bħala bniedem qattiel. Din kienet il-fehma ta' missirijietna x'ħin lemħu l-lifgħa mdendla ma' id San Pawl: "Bdew igħidu wieħed lill-ieħor: Dan ir-raġel tassew li huwa xi qattiel, għax, għalkemm ħeles mill-

baħar, il-Ħaqq ma jħallihx igħix.." L-imsejkna kienu jemmnu fl-alla tal-lifgħa, fl-alla tal-qerda, li ma jaħmilx il-bniedem minħabba d-dnub.

Għalhekk ukoll wara l-miġja ta' Kristu d-dulur baqa' u l-bniedem għadu jitħabat. Fil-Medio Evo l-fehma kienet li d-dulur hu problema fil-bniedem: il-bniedem kien jiġi meqjus bħala nisġa tar-ruħ u tal-ġisem fejn l-għaqda ta' bejniethom hi mmexxija mir-raġuni u r-rieda; għalhekk fil-bniedem hemm ordni u armonija, għalkemm mhux sa l-aħħar perfetta, għax hemm il-problema tad-dulur. Il-lum inbidlet il-fehma: il-bniedem m'għandux problema, iżda **hu** problema. Il-bniedem il-lum jitqies bħala kobba mħabbla, ma tafx fejn hu l-bidu u lanqas it-tmiem; għemilu hu sfog ta' impulsi inkonxji, irrazzjonali u erotiċi. Il-lum għemil il-bniedem jitqies bħala istint; għalhekk fil-fehma tal-għorrief il-bniedem mhux għajr annimal.

Il-bniedem xtaq isib is-sliem u l-hena, iżda fallielu. Għamel minn kollox, iżda minflok inħall iżjed intrabat u tħabbel mad-dulur u mal-gwaj. Ħajtu saret ġlieda miegħu nnifsu u ma' sħabu. Il-bniedem disilluż u mdejjaq bih innifsu hu salib tiegħu nnifsu u ta' l-oħrajn. Minħabba hekk jikbru r-rewwixti u l-gwerer; jinfirex iżjed id-dulur.

It-totalitariżmu ateju ta' l-Orjent u l-materjaliżmu u ż-żina ta' l-Oċċident mhumiex għajr turija ta' dan. L-għalliema u l-mexxejja tal-Komuniżmu bil-ħsieb li jiksbu lill-bniedem kull ġid u sliem, ma għamlux ħlief ċaħħdulu d-dehen li għandu ta' xbieha t'Alla, u qisuh bħala atomu ekonomiku ta' l-Istat. L-għorrief ta' l-Oċċident biex jagħmlu lill-bniedem hieni u jeħilsuh mit-taqbida miegħu nnifsu u ma' l-oħrajn, deffsulu f'moħħu li ma hemmx Alla; mhux minnu li hemm kuxjenza li tnigges; il-ħażen li jagħmel mhux tort tiegħu; fil-bniedem ma hemmx rieda; għalhekk bħal bhima jaqbel li jerħi ruħu għal kull xejra ta' sfog. B'daqshekk il-bniedem ma kiseb xejn minn dak li xtaq: il-ħabs u l-isptar baqgħu miftuħin xorta waħda, u l-gelgul ta' 'librium' u 'valium' u pilloli oħra bħal dawn għadu jimla' l-istonku tal-bniedem.

## X'TIFSIR JAGĦTI T-TWEMMIN NISRANI LID-DULUR?

Ħadd ma jista' jifhem il-bniedem daqs Kristu, għax hu Iben Alla, u bħala Alla ħalaq il-bniedem. Hu l-akbar psikologu. Ġie fid-dinja mhux biss biex jikseb il-fidwa lill-bniedem, iżda biex jgħallmu wkoll kif għandu jsib il-veru sliem waqt li jibqa' magħkus mid-dulur. U dan fehmulna bit-tagħlim u bl-għemil.

It-twemmin nisrani għandu l-qofol tiegħu f'dan it-twemmin: Alla huwa l-Alpha u Omega, il-bidu u t-tmiem tal-bniedem; ħareġ mingħand Alla fiż-żmien biex jerġa' jmur għandu; għalhekk jitwieled biex ma jispiċċa qatt. L-għan ewlieni a' għixien tal-bniedem hu Alla. Hu frott ta' l-imħabba t'Alla; għalhekk minn qaddisu jrid jinħabb ma' Alla. It-tarbija tinġibed lejn ommha u missierha għax hi demmhom, għax lilhom taf il-ħajja tagħha; l-istess ir-ruħ tinġibed lejn Alla, għax ħarġet minnu u għandu terġa' tmur; hi tiegħu. B'hekk nifhmu għaliex qatt ma jibbastana xejn. Il-ħolqien kollu mhux biżżejjed biex jimla' idejn ir-rieda tal-bniedem. Dan jiġri għax ir-rieda tal-bniedem maħluqa biex tikseb l-etern, l-infinit, 'l Alla.

Minkejja t-twemmin nisrani mogħti lilna minn San Pawl, xorta waħda bqajna nemmnu f'Alla li jħobb jarana nbatu; qalil, li dejjem irid jaħbat

għalina biex jeqridna. Lil dan Alla tajnih l-isem ta' "superstizzjoni". Dari iżjed mil-lum kienu jemmnu firrisq ħażin. Il-ħut ta' l-ilma ħelu, il-maħrija sewda, mera' mkissra; dawn kollha kienu magħduda b'risq ħażin. U x'inhu r-risq ħażin fil-fehma ta' dawn l-imsejkna, jekk mhux xi Alla qalil? Dan Alla żgur li mhux l-istess Alla li qalilna bih San Pawl, li Hu Għalhekk 'l Alla tar-risq ħażin ħalqu waħdu u ma hemmx ieħor bħalu. l-bniedem u qiegħed f'moħħu biss. Min-naħa l-oħra jekk hemm Alla wieħed ma nistgħux ngħajruh qalil u qalbu ħadra. Jekk dan Alla tagħna hu missier li jħobb tabilħaqq lil uliedu, ħadd ma jista' għalih, hu kollox, kif jista' jkun li t-treġija tal-ħolqien mill-id setgħana tiegħu tiddependi minn ksur ta' mera'? Kien il-biża' li ġiegħel lill-bniedem joħloq Alla ieħor ma' dak li tabilħaqq huwa.

X'uħud mgħobbijin u mdejqin b'dawn il-ħsebijiet fiergħa jdendlu n-nagħla mal-bieb ta' barra biex teħlishom mill-qilla ta' l-alla tal-qerda; jew ibaħħru biex ikeċċu dan l-alla qaiil u kattiv minn darhom. Kif jista' wieħed ifisser is-superstizzjoni f'moħħ il-bniedem, jekk mhux b'dan il-mod? Mhux sewwa li tmaqdar ix-xiħ, iżda huwa minnu li x-xjuħ tagħna kienu megħdijin wisq b'dawn il-blugħat, għalkemm kienu qawwijin sħiħ fit-twemmin nisrani.

Iżda mmorru pass lura, għax jeħtieġ inqisu l-fatt li minkejja l-għerf tas-seklu għoxrin il-bniedem għadu jissielet mad-dulur. Għalhekk mhux barra minn postha l-mistoqsija: Fejn huma s-sliem u l-hena lill-bnedmin ta' rieda tajba? Ġie l-Mulej fostna, u kiseb il-fidwa għall-bnedmin kollha, u xorta waħda l-bniedem baqa' jħoss ruħu għajjien, imbeżża', bla ħila, jissielet mal-qerda, mal-gwaj, mad-dulur. Ħadd ma jista' jiċħad li bil-miġja ta' Kristu fostna, id-dulur ma nqeridx minn fuq wiċċ l-art. Il-ħajja ta' Kristu nnifsu tagħti xhieda ta' dan: ilkoll kemm aħna kellna xorti aħjar minn tiegħu fit-twelid; ta' tarbija kellu jaħrab għax fis ġibed l-għedewwa lejh; missieru mastrudaxxa, għajr seta' jitrejjaq kif imiss. Tul it-tliet snin ta' ħidma qalb il-Lhud ħajtu kienet ħajja ta' tfixkil, xogħol iebes, u ta' qtigħ il-qalb; ġibed għira u mibegħda lejh, tant li qala' swat, bżieq ma' wiċċu u żeblih, u spiċċa biex miet bla ġieħ; lanqas sura ta' bniedem ma ħallewlu. Jekk ngħarblu s-sensiela ta' ġrajjiet il-Knisja, insibu li messitha l-istess xorti. Qabel uwara li ġie Kristu d-dulur baqa' jsaltan u jgħakkes il-bniedem.

Kull wieħed minna ġarrab dan il-fenominu. Kemm-il darba xtaqt xi ħaġa; għalhekk ħdimt għaliha, batejt minħabba fiha, kont sa noħlom biha; dan kollu għax ridt niksibha! Wara li ksibtha sibt li ser nifraħ għax ksibtha, iżda fallieli; warrabtha fil-ġenb u bdejt nixtieq ħaġ'oħra. Sakemm il-bniedem idum fuq din l-art qatt ma jista' jkun kunent bih innifsu, qatt ma jista' jsib is-sliem għax ir-ruħ tibqa' dejjem tixxennaq 'l Alla.

"Ruħi", igħid Santu Wistin, "ma tistax issib sabar sakemm ma tintelaqx fi ħdan Alla". B'hekk nifhmu l-għaliex il-bniedem min-natura tiegħu bla sabar, dejjem imdejjaq, ma jafx xi jrid, xejn ma jista' jimmansah. Minn hawn naraw l-għaliex l-akbar gwaj li jista' jġarrab il-bniedem hu meta jitlef l-għan ewlieni tal-għixien tiegħu; meta jsammar ħsiebu mal-ħwejjeġ tad-dinja — ħwejjeġ li mhumiex l-oġġett ta' l-imħabba tar-ruħ — jitlef lilu nnifsu, isir il-bojja tiegħu nnifsu. Iżjed ma tintrabat mal-ħwejjeġ tad-dinja, iżjed jikber id-dulur fik;

iżjed ma taħrab id dulur, iżjed tissaw-war miegħu; lir-ruħ qatt mhu ser tik-kuntentha. Jingħad li l-bniedem huwa egojista minn ġuf ommu, iżda fil-feh-ma tiegħu mhux hekk: minħabba li r-ruħ dejjem imxennqa tfittex 'l Alla bħala l-għan ewlieni tagħha, il-bnie-dem bla serħan ifittex isabbar lil ruħu bi ħwejjeġ li ma jgħoddux għaliha.

Barra li l-bniedem hu salib tiegħu nnifsu, hemm gwaj ieħor li jaħseb li ġej minn barra, iżda ġej mill-ġewwie-ni tal-bniedem: dejjem għandu raġun; dejjem u f'kollox jara t-tibna f'għaj-nejn ħuh, u travu mdendel mal-kap-pa ta' għajnejh ma jintebaħx bih; id-dnub ta' ħija dejjem ikbar minn tie-għi; jien il-vittma u ħija l-bojja, qatt bil-maqlub; jien iż-żerriegħa t-tajba, il-qamħa, hija ż-żerriegħa l-ħażina, is-sikrana. Il-bniedem qatt ma jasal biex jgħarbel lilu nnifsu sewwa, u dejjem jaħseb li hu aħjar milli hu. Hu ħalli jagħmel li jiġi għal idejh kontra ħuh, iżda l-imġieba ta' ħuh lejh, għalkemm aħjar minn tiegħu, dejjem tidher għa-lih imġieba ta' tirann, li jieħu gost iġagħal lil ħaddieħor ibati. Hawn ukoll jinstab id-dulur, iżda għax no-ħolquh aħna nfusna; inkabbru d-du-lur għax irridu aħna.

Il-gwaj mhux biss aħna noħolquh; hemm gwaj li jiġi fuqna mingħajr ma rridu: gwaj li ġej mill-għira u l-mib-għeda, u gwaj ieħor bħalma huwa l-mard, it-tempesti, traġedji, terremoti u ħwejjeġ oħra bħal dawn. Darba kont fuq karrozza tal-linja u niftakar li wieħed qabad jirrakkontali l-ġrajja ta' ħuh li miet waqt li l-karrozza tal-linja, li kien fuqha, ħabat għaliha aj-ruplan tal-għadu. Iżda kiesaħ u bie-red staqsieni: Għaliex Alla ħalla li ħija jmut hekk? Dort lejh u għamiltlu mis-toqsija oħra: Għaliex Alla għadu ma ħaraqniex lili u lilek? Qagħad iħares fiss lejja u wieġeb: Għandek raġun. Fehemni x'ridt ngħid: Alla ħalla lil Hitler u lil Mussolini jagħmlu li jridu bħalma jagħti s-setgħa lil kulħadd jagħmel li jrid, saħansitra nidimbu kuljum. Li kieku Alla ma kienx pa-ċenzjuż ma' Hitler u Mussolini, daqs-tant ieħor ma kienx ikun magħna. Li kieku l-bniedem kellu jinqered ma' l-ewwel dnub li jagħmel, ilkoll kemm aħna ilna li sirna trab, irmied. Għa-liex għandna nippretendu li Alla jkun ħanin magħna u ma' ħaddieħor le? Quddiem Alla kulħadd hu xorta.

Hemm gwaj li jibgħatu Alla biex il-bniedem ibati: "Għax kont miġjub quddiem Alla, kien jeħtieġ li Alla jgħarblek". Għelm ta' l-imħabba ta' Alla lejn il-bniedem hu s-salib li jib-għatlu. Il-kliem ta' l-Anġlu huma wisq iebsin biex il-bniedem iġerraħhom: iż-jed ma tħobb 'l Alla, iżjed Alla jġagħ-lek tbati. Kif nistgħu nfissru din l-im-ġieba t'Alla, jew aħjar, għaliex in-nisrani għandu jkollu s-salib ta' Kris-tu bħala għelm ta' l-imħabba t'Alla lejh? Biex inwieġbu għal din il-mis-toqsija jeħtieġ ngħarblu lilna nfusna. Għaliex Alla ħalaq lili u ma ħalaqx lil xi ħaddieħor? Ħadd qatt ma jista' jwieġeb għal din il-mistoqsija. Tgħar-bel kemm tgħarbel dejjem tasal għal din it-tweġiba: għax Alla ħabbni Min ma jemminx b'Alla, iwieġeb li d-des-tin ġagħal li kull wieħed minna jgħix. Li kieku kien minnu dan, jibqa' l-fatt li ħadd minna ma għamel kuntratt ma' dan Alla "destin" biex niġi maħ-luq jien u mhux ħaddieħor.

Għaliex ġejt bniedem u mhux anni-mal? Għaliex għandi saħħa bħal ta' ħaddieħor waqt li stajt ma kellix? Għaliex mogħni b'moħħ biex naħseb u b'hekk tgħallimt sengħa? Jekk nib-

qgħu ngħarblu lilna nfusna, insibu li xejn m'hu bis-saħħa tagħna, kull ma għandna kollox misluf: jien innifsi ma inhiex tiegħi. U jibqa' l-fatt li kull wieħed minna ma għamel ebda kuntratt ma' Alla biex ikun dak li hu, u ma għamel ebda patt ma' Alla biex ikollu dak li għandu. Mhux biss, iżda ntbaħna bid-doni li Alla għoġbu jżejjinna bihom ħafna wara li twelidna.

Mela kull ma jien u kull ma għandi hu bis-saħħa t'Alla. U li kieku ma kinetx l-imħabba t'Alla jien u x-xejn xorta waħda. Iżjed, kull ma naf nagħmel, naf nagħmlu bl-għajnuna t'Alla, tant li kieku ma kinetx din l-għajnuna jien bħal rimi. Jien li jien, u naf x'naf, nafu 'l Alla; xejn mhu tiegħi. X'hemm, għalhekk, li nistgħu niftaħru biha, għax hi tabilħaqq tagħna u mhux t'Alla, li nistgħu nwettquha mingħajr l-għajnuna t'Alla? Xejn! Id-dnub ukoll iseħħ mhux bis-saħħa tagħna, iżda għax l-imħabba t'Alla hi tant kbira li minflok issabbatna ma' l-art u toqtolna, tagħdirna u tgħinna nqumu mill ġdid. Għalhekk San Pawl igħid: "Jekk xi ħadd jidhirlu li hu xi ħaġa, meta ma hu xejn, jitqarraq". Hu bħal dik il-mara li marret għall-festa b'ħafna deheb fuqha. Kulħadd stagħġeb biha kemm tista'. Meta reġgħet lura lejn darha marret iżżur lill-ġirien tagħtihom id-deheb li kienu silfuha, u daħlet f'darha bħalma dejjem kienet: bla ħabba. Il-bniedem hu xorta waħda.

Santu Wistin igħid: "Dak li ħalqek mingħajr l-għajnuna tiegħek, ma jistax isalvak mingħajr l-għajnuna tiegħek." Il-kliem ta' dan l-għaref tal-Knisja jgħodd ukoll biex inħollu l-problema tagħna. Jekk, kif rajna qabel, aħna stess m'aħniex tagħna nfusna, iżda aħna x'aħna, u għandna x'għandna hu kollox t'Alla, x'ser noffru 'l Alla biex niksbu s-sebħ tas-smewwiet, ħwejġu stess? Biex niksbu l-ġenna rridu nagħtu xi ħaġa minn tagħna, iżda x'nistgħu nagħtu jekk kull ma għandna mhux tagħna . . . id-dnub? Dan biss hu tagħna. Għalhekk Alla jibgħatilna salib li nkunu nistgħu nifilħċuh, biex b'hekk inkunu nistgħu nimmeritaw. Jekk ir-rieda tagħna taqbel mar-rieda t'Alla, naċċettaw fis-sliem is-salib, hemm nistgħu niftaħru li għallanqas għandna xi ħaġa tagħna, bħalma hu tagħna d-dnub.

Bħalma d-dnub hu tagħna kollu kemm hu, għalhekk hu kawża ta' telfien għal dejjem, hekk ukoll is-salib ta' Kristu miġbud fis-sliem bir-rieda tagħna jkun għalina ta' rahan għall-ferħ tas-smewwiet, għax ikun tmexxa bis-saħħa tagħna.

Iżda mhux dejjem l-għawġ jiġi fuqna biex nimmeritaw. Alla xi kultant iġagħalna nbatu għax jaf li fid-dulur, il-bniedem jersaq Lejh. Dan narawh fil-ħajja ta' Kristu. Il-Lhud dejjem fittxew lil Kristu fid-dulur biex fejjaqhom mill-ġdiem; jeħlishom mix-xjaten; jagħtihom saħħithom; iqajjimhom mir-raqda ta' dejjem. Li kieku ma kienx l-uġigħ ftit kienu jagħtu widen għal kliemu. Għalhekk l-għawġ xi minn daqqiet jibgħatu Alla bħala mediċina. Jien nistħajjel il-bniedem bħal tarbija qiegħda tilgħab fuq il-qiegħa ta' l-art. Ħdejha hemm ommha bil-qiegħda fuq siġġu taħdem. Ta' tarbija li hi, titkaxkar ma' l-art tilgħab, u ssib xafra. Bħalma jagħmlu t-trabi, dlonk iddaħħalha f'ħalqha, għax fil-ġufija tagħha taħseb li xi ħaġa tajba. L-omm tintebaħ; il-ħajja tat-tarbija tiddependi minnha: jekk xebgħat minn bintha, tħalliha tiblagħha, jekk tħobbha tabilħaqq, ittir minn fuq

is-siġġu, tneħħilha x-xafra minn ħalqha bil-mod — ma tmurx tweġġagħha, u tagħtiha daqqtejn biex ma terġax. It-tarbija tibki għax ġiet miċħuda minn ħaġa, li fil-ħsieb tagħha kienet ħaġa tajba, u għax muġugħa. L-omm għamlet dan kollu għax tħobb tassew lil bintha. Dan jiġri xorta waħda marruħ. Il-bniedem għandu moħħ qasir wisq u qatt ma jista' jagħraf dak li hu tabilħaqq ħażin għalih, li jista' jtellfu fil-ksib tas-sema. Ħwejjeġ li għall-ewwel jidhru tajbin, jew naħsbu li huma ħwejjeġ indifferenti, 'kunu huma li jbiegħdu lir-ruħ min Alla. Dan kollu Alla jarah minn qabel, u jagħmel bħalma ġġib ruħha l-omm mat-tarbija. Mela Alla jekk isawwatna, dan jagħmlu mhux għax jieħu gost jarana nbatu, iżda għax iħobbna tassew.

ANDREA CUSCHIERI, O.F.M.

# REQUIESCANT IN PACE

*Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiquna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

MARSA — Emmanuele u Francesca Micallef, Paolina u Antonio Micallef, Marianna Spiteri, Salvatore Spiteri, Lorenzo Azzopardi, Caterina Mifsud, Giuseppina Magro, Filomena Muscat, Calcidonia Abela, Giuseppina Micallef, Valentina Mintoff, Salvatore Mintoff, Luigina Azzopardi, Alice Carnisi, Giuseppina u Maria Dolores Chetcuti, Maria Assunta, Emmanuela u Filippa Cassar.

ŻEBBUĠ — Alberto u Paola Barbara, Nicodemo u Giuseppina Gallus, Maria Assunta u Rebecca Mifsud, Christina u Regina Buhagiar, Filomena u Connie Bugeja, Assuero u Beatrice Caruana.

TARXIEN — Assunta u Giuseppina Cordina, Annunziata u Innoċenza Magro, Clotilde u Spiridione Calleja, Melania u Melita Spiteri, Genoveffa u Caterina Agius, Nicola Diacono, Rocco Vassallo.

LIJA — Emmanuele Farrugia, Evangela Borg, Camilla Borg, Salvatore, Silvio, Elena Leone, Tessie Samuel, Leone Ganado, Mose, Caterina, Giuseppe, Assuero, Elia Caruana, Teresa Fenech, John, Maria u Giovanni Fenech, Giuditta, Esther, Debora Butstino u Anselmo Caruana, Valentina tigieg, Salvatore, Lonza, Nicola, Ago-Amneris, Ruth u Salvina Borg, Paolo, Giovanni, Luigi u Carmela Borg, Michele u Giuseppa Camilleri, Lorenzo u Giuseppa Borg.

BALZAN — Valentino Buhagiar, Ġiuseppe Sammut, Francesco Cardona, Concetta Burlo, Marianna Demicoli, Giuseppe Debono, Annunziata Micallef, Paolo, Salvina, Giuditta Cordina, Frenċ Sammut, Valentino Debono, Rosaria Chetcuti, Assuero, Salvatore, Annunziata, Valentina, Maria, Rosaria Mercieca, Salvatore Zammit, Emmanuela, Maria Assunta, Salvatore u Emmanuele Camilleri, Beatrice, Filomena, Caterina Caruana.

SIĠĠIEWI — Andrea, Nicolina Cachia, Giuseppe Scicluna, Michele u Rosa Aquilina, Father Galea, Barbara Schembri, Maria Cascun, Maria, Giuseppe u Agostina Mangion, Filippa, Vincenzo, Teresa u Grezzju Pace, Grezzju, Giuseppe u Salvatore Callus, Francesco, Giovanna, Nicola, Giuseppa Farrugia, Salvatore, Filippa u Ni-

cola Aquilina, Sebastiano, Alfredo u Agostina Busuttil, Giuditta u Agata Azzopardi, Nicola, Agatina, Agnese u Annunziata Cordina, Giovanni u Filomena Aquilina, Pia, Andrea u Giusi Magro, Carmela, Giovanni, Salvu u Caterina Buhagiar.

ĦAL SAFI—Maria, Carmela, Martinu Cutajar, Michelina u Giacomo Vella, Marianna u Celestina Spiteri, gherita Zammit, Paolo Buhagiar, Ni-Giusi Cutajar, Salvatore Zammit, Mar. colina Aquilina, Filomena Maugeri, Adelina Cordina.

BIRŻEBBUĠA — Patrik u Angelo Dalli, Carmelo u Miriam Dalli, Salvino Bugeja, Lorenzo Grixti, Giuseppa Grixti, Giovanni Baldacchino, Caterina Baldacchino, Francesco u Luigia Zammit, Francesco, Antonio u Carmela Zammit, Concetta u Nazju Busuttil, Teresa u Giuseppi Cachia, Carmela Tanti, Adelaide Delia, Concetta Callus, Giovanni Delia, Nicola Sammut, Rosina u Giuseppe Grech, Piju Fenech, Angela u Joseph Zahra, Clara u Carmen Grima, Carmela Grima, Felice Cassar, Lorenza Formosa, Domenico u Spiru Busuttil, Pietru u Georgio Cachia, Elena Attard, Giuseppa Vella, Giovanni Attard, Paolo Savona, Peter Olivieri, Mary u Carmela Schembri.

BIRKIRKARA — Paolo Azzopardi, Paola Azzopardi, Maria Teresa Mifsud, Salvatore Calleja, Erwieħ tal-Purgatorju, Carmelo u Giuseppa Camilleri, Margherita, Francesco u Giovanni Debono, Aħwa Kenedi, Elena Borg, Giuseppi, Maria Dolores u Ġerardu Agius, Carmelo Xuereb, Giuseppi Xuereb, Carmelo Grech, Maria, Vincenzo, Grazia Farrugia, Francesco Tabone, Concetta Grech, Emmanuele, Consolata u Franġisku Vella, Giuseppe Debattista, Carmelo Cardona, Luigi Cardona, Giovanni Micallef, Familja Grech, Alfonso, Michelina, Antonio, Salvatore Zammit, Giovanna, Giuseppi u Margherita Zammit, Antonia, Filomena, Caterina, Ester, Lucia Cordina.

ĦAL GĦAXAQ — Assuero, Michelino, Remigio, Tommaso, Alessio Buhagiar, Teresa u Filippo Fenech, Marianna, Concetta, Maria, Lucia, Dolores u Annunziata Calleja, Maria Assunta, Salvatore, Georgio, Spiridione, Lourdes Muscat, Agostina, Nicholina, Arturo, Giovanni u Ġerardu Mifsud.

SLIEMA (Parroċċa Stella Maris) — Marianna, Kitty, Moira u Giuseppina Garnisi, Emmanuela, Flora, Fifina, Giacomina Magro, Lorenzo, Annunziata, Lorry, Bobby u Serafina Cordina, Alice, Sabina, Evellina, Giuseppi, Spiridione Callus.

SLIEMA (Sacro Cuor) — Ġużeppi Tanti, Giovanna Borg, Giuseppe Borg, Nicola Zammit, Kelina Grech, Carmelo Psaila, Maria Mifsud, Herman Mifsud, Manwel Grima, Hugh Vassallo Grunt, Anthony Grech, Ġorġ Mifsud, Mary Mifsud, Paul, Michael, Luigi, Antonio, Mary Rose, Giorgia Mifsud, Antonio u Vincenza Depares, John Cachia, Arturo Lapira, Rosaria Lapira, Simon Bowman, Emma, Ġorġ, Fianca, Iris Bowman, Antonietta, Maria, Pawlu, u Censu Meli, Antonio Pisani.

QRENDI — Nikola Galea.

ĦAL KIRKOP — Vincenza Gatt, Saveria Gatt, Carmela, Edoardo, Margherita u Giuseppi Gatt, Emmanuele, Annunziata, Spiridione u Salvatore Chircop, Giuseppi u Marianna Mifsud, Caterina, Emmanuela u Giuseppina Mifsud.

*M'n-naħa tagħna niżguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem mill-quddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.*